**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 5 ta' Frar 2019

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 84**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 84 (Laqgħa b'Urġenza) li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ġimgħa 8 ta' Frar 2019 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

84.1 Attivitajiet relatati ma' Jum il-Qrendi 2019;

84.2 Is-serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2019.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-84 Laqgħa (Laqgħa b'Urġenza) tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Ġimgħa 8 ta' Frar 2019 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-6:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsilliera | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Michaela Vassallo |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR (ir-raġuni mogħtija kienet milqugħa unanimament mill-Kunsillieri) |
| Kunsilliera | Daniela Farrugia (ir-raġuni mogħtija kienet milqugħa unanimament mill-Kunsillieri) |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 84.1 ATTIVITAJIET RELATATI MA' JUM IL-QRENDI 2019

84.1.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li għal din is-sena, l-attivitajiet ser ikunu bejn il-Ġimgħa 22 u l-Ħadd 24 ta' Frar.

84.1.2 Qal li l-Ġimgħa ser tittellgħa s-serata ta' Ġieħ il-Qrendi, filwaqt li l-Ħadd ser issir quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Knisja Parrokjali tal-Qrendi u wara ser isir tqegħid ta' kuruni f'riġlejn il-Monument tal-Gwerra.

## 84.2 IS-SERATA TA' ĠIEĦ IL-QRENDI 2019

84.2.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-Bord t'Aġġudikazzjoni għal Ġieħ il-Qrendi diġa' ltaqa' u ressaq rapport quddiem il-Kunsill Lokali għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tiegħu.

84.2.1.1 Qal li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni evalwa n-nomini li daħlu għal Ġieħ il-Qrendi 2019 u r-rapport jinsab mehmuż ma' dawn il-Minuti.

84.2.2 Il-Viċi Sindku tkellem ukoll dwar onorifiċenzi li jistgħu jingħataw lil individwi differenti li l-ħidma tagħhom kienet jew qiegħda tkun ta' ġid għall-komunità Qrendija.

84.2.2.1 Spjega kif fis-serata tas-sena li għaddiet, dawn l-onorifiċenzi ngħataw għall-ewwel darba, u issa l-Kunsill Lokali jħoss li għandu jagħti diversi onorifiċenzi oħra.

84.2.2.2 Ippropona li għandhom jingħataw dawn l-onorifiċenzi lil dawn il-persuni:

**Onorifiċenza Hidma Sportiva**

Dr Joseph Mifsud
Is-Sur Saviour Portelli

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Onorifiċenza Ħidma Soċjali**

Is-Sur Joseph Azzopardi
Is-Sur Mario Pio Schembri

**Onorifiċenza Ħidma Letterarja**

Is-Sur Charles Bezzina
Is-Sur John Buttigieg
Is-Sur Antoine Christopher Cassar

**Onorifiċenza Ħidma Kulturali, Artistika u Soċjali**

Is-Soċjetà Filarmonika Lourdes
Is-Soċjetà Mużikali Santa Marija

**Onorifiċenza Ħidma Pastorali**

Il-Kappillan Dun Glen Buhagiar

84.2.2.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar dawn il-persuni u l-onorifiċenzi li ser jingħataw.

84.2.3 Il-Viċi Sindku qal li għal din is-serata ser ikollna l-mużika mill-pjanista Maria Daniela Farrugia, il-vjolinista Sonia Borg u l-kantanta Kristina Critien.

84.2.4 Żied li wara li tintemm is-serata ser ikun hemm bibita żgħira għall-mistiedna u fakkar li s-serata ser tibda fis-7:30pm.

____________________ ____________________

**Chris Falzon** — **Segretarju Eżekuttiv**

**Charles Zerafa** — **Viċi Sindku**